MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 256/2010

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**
**kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut C D izzewgu fil-21 ta’ Gunju 2002, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens ta’ l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha

fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-21 ta' Gunju 2002 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u b' mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li r-risposta tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut assenti kuntrattat fil-21 ta' Gunju 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [d] u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-konvenut assenti, cittadin gordaniz, fil-21 ta' Gunju 2002, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur.

Meta l-konvenut sar jaf lill-attrici, huwa beda jsemmi li ried jizzewwigha, u wara nsistenza da parti tieghu, hija accettat li tizzewgu, anke peress li riedet titlaq mid-dar ta' ommha.

Illi l-partijiet marru joqghodu fir-residenza fejn kien jghix il-konvenut.  Wara ftit xhur fil-hajja konjugali, dan beda jitlaq l' barra l-gurnata kollha u kien ihalli lill-attrici waheda d-dar ghal hinijiet twal tal-gurnata.  Eventwalment l-attrici ddejqet tghix ma' ragel li ma kienx ikun prezenti fid-dar konjugali, u telqet mid-dar u marret tghix ghal rasha.

Illi minn naha tieghu l-konvenut qata' kull kuntatt li kellu ma' l-attrici, u  biddel in-numru tal-mobile tieghu.  L-attrici tghid li lill-konvenut ma ratux aktar minn meta sseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut assenti, stante li mill-provi jirrizuta car li, ghalkemm esternament huwa ghadda minn cerimonja ta'

zwieg, izda nternament huwa eskluda l-obbligi matrimonjali, u cioe' dawk tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partjiet fil-21 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu sopportati provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------